**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Francis Micallef)**

**kontra**

**MARIA MIFSUD**

**Illum, 5 t'Ottubru 2022**

**Kaz. Nru; 121/11**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Maria Mifsud** bint Gaetano Azzopardi u Josephine nee' Hili imwielda Sliema fis-7 ta' Settembru 1950 u li toqghod Nina Flats 5 Triq il-Plejju Mellieha detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 712450M, akkuzata talli;

1. Nhar is-16 ta' Marzu 2007 ghal habta tat-3.00pm f'Rahal Gdid kellha fil-pussess taghha id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienix b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Bhala persuna, li ma hijiex ufficjal tal-habs jew persuna mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita' legittima, dahhlet jew ipprovat iddahhal f'xi parti tal-

konfini tal-habs xi oggett li jkun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att jew garret jew ipprovat iggorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs u cioe xi medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi jew medicina li hi kontrollata b'regolamenti maghmula taht l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lill-hatja thallas l-ispejjez peritali ghat-termini ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha esebieti inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri data 28 ta' Lulju 2021 permezz ta' liema dina l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet ghas-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti li jikkoncernaw il-kaz odjern jirrisalu lura ghas-16 ta' Marzu tas-sena 2007, meta ghall-habta tas-14.10hrs il-qua imputata zaret lil binha Sandro Mifsud gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Maghha hadet zewg basktijiet tal-hwejjeg. Hekk kif dahlet fil-Facilita' hija ghaddiet wiehed minn dawn il-basktijiet lill-gwardjan li min-naha tieghu beda jaghmel tfittxija fl-istess basket. Dan il-basket kien jikkontjeni jeans iswed li waqt it-tfittxija l-gwardjan induna li kien hemm xi haga fit-tabella ta' wara. Ghaldaqstant il-gwardjani fettqu din it-tabella b'sikkina u hemm hekk sabu borza trab kontenenti sustanza suspettata eroina. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-qua imputata u fil-baskett l-iehor fil-pussess tal-imputata rrizultaw fin-negattiv. Il-pulizija gew infurmati bis-sejba in kwistjoni.

Il-qua imputata immedjatament infurmat lill-gwardjani li kien hemm persuna li ma kinitx tafu li kien talabha tghaddi l-hwejjeg lil binha Sandro. Minn hemm il-pulizija ssoktaw bl-investigazzjonijiet taghhom fejn anke infurmaw bl-akkadut lill-Magistrat Inkwerenti (dak iz-zmien) il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera li min-naha taghha ordnat li ssir inkjesta fejn hatret diversi esperti sabiex

jassistuha. Fost dawn l-esperti gie mahtur Mario Mifsud bhala espert forensiku sabiex janalizza s-sustanza li nstabet wara l-imsemmija tabella, li min-naha tieghu kkonkluda s-segwenti:

> *"Ghaldaqstant, mir-rizultati miksuba, l-esponent l-ispizjar forensiku Mario Mifsud, jista' jikkonkludi li fit-trab il-kannella li kien hemm fil-borza tal-plastik fid-dokumenti 467/07/01, f'ammont net totali ta' 1.770 grammi, instabet fih is-sustanza herojina. Il-purita' ta' dan it-trab ghas-sustanza herojina kienet ta' circa 27.9%. Is-sustanza herojina hija kkontrollata bil-ligi that l-ewwel skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi l-imputata ghazlet li ma tiehux il-pedana tax-xhieda fil-proceduri fil-konfront taghha madanakollu fl-istadju tal-investigazzjonijiet kienet irrillaxxat stqarrija lill-pulizija u xehdet bil-gurament quddiem il-perit legali nominat mill-Magistrat Inkwerenti. L-ufficcjali fi hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ukoll min-naha taghhom xehdu dwar dak li qatilhom il-qua imputata immedjatament wara s-sejba tas-sustanza projbita hawn fuq imsemmija. Dan kollu sar immedjatament wara li saret it-tfittxija mill-ufficjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fis-sena 2007. B'mod sistematiku u minhabba l-ligi kif kienet vigenti dak iz-zmien il-qua imputata ma nghatat l-ebda dritt ghall-assistenza legali. Madanakollu fis-sottomissjonijiet tieghu l-abbli difensur iddikjara:

> *"…li mhux talli mhux jitlob ghall-isfilz tal-istqarrija rrilaxxata mill-pulizija u x-xhieda guramentata tal-imputata fl-istadju ta' inkjesta (minhabba n-nuqqas t'assistenza legali), izda adirittura qed jistrieh fuq l-istess verzjoni moghtija mill-imputata f'dawk iz-zewg okkazzjonijiet."*[1]

Illi fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni li saret waqt li l-qua imputata kienet assistita wara li nstemghu l-provi kollha fil-konfront taghha, din il-Qorti ma hijiex ser tiskarta l-imsemmija stqarrija.

Illi kif inghad izjed 'il fuq l-imputata odjerna kienet marret fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex izzur lil binha. Illi dakinhar stess li nstabet is-sustanza wara tfittxija f'jeans li kien fil-pussess fiziku tal-qua imputata, L-ufficcjal Damian Magro (CO58) iddikjara bil-gurament issegwenti:

> *"Meta ahna staqsejnieha x'kien dan il-pakkett hija qaltli li kien waqaf ragel li ma tafx minn hu u qallha sabiex taghti dawn il-hwejjeg lit-tifel taghha Sandro."*[2]

CO171 Paul Borg Bonaci ddikjara bil-gurament:

[1] Ara l-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Mejju 2022.
[2] Fol. 27 ta' Dok. JM

> *"Din Marija Mifsud lili kienet qaltli li kien hemm ragel li hija ma tafux u qalilha sabiex taghti l-hwejjeg lil Sandro."*[3]

Din il-verzjoni ta' Bonaci giet anke kkonfermata bil-gurament meta xehed fl-iter tal-proceduri odjerni.

Illi l-imputata rrillaxxat stqarrija lill-pulizija li giet esebieta a fol. 19 tal-atti processwali odjerni u mmarkata bhala document FM1. Illi dan id-dokument igib id-data tal-21 t' Awwissu 2006 u cioe' numru ta' xhur qabel l-akkadut skond il-komparixxi u l-provi l-ohra mressqa fl-atti processwali odjerni. Ghaldaqstant jirrizulta li d-data tal-imsemmija stqarrija ma hijiex wahda korretta. Illi minn qari tal-istqarrija l-qua imputata taghmel referenza ghall-akkadut bhala li gara "llum" – konsegwentament din il-Qorti jirrizultalha li l-imsemmija stqarrija ttiehdet dakinhar tal-akkadut tal-fatti hawn fuq imsemmija. F'din l-istqarrija l-qua imputat tispjega li hija kienet marret izzur lil binha gewwa l-habs ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar u kienet hadet maghha basket b'xi hwejjeg. Hija marret b'tal-linja. Tghid li x'hin wasslet ghamlet ftit hin tistenna fuq il-bankina l-ghaliex il-vizti kienu jibdew izjed tard. Dak il-hin mar guvni fuqha u taha baskett li kien fih xi hwejjeg u qallha sabiex tghaddieh lil Sandro. Hija qalet li ghalkemm huwa kien jidher li jafha hija ma kinitx tafu. Hija hadithom bil-ghan li tghaddiehom lil binha. Tispjega li kif dahlet fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, kif dejjem kien jaghmlu ghamlu tfittxija. Fl-istqarrija taghha hija tat deskrizzjoni ta' dan il-guvni li ghaddielha l-basket. Hija sostniet li hija ma kinitx taf bid-droga li kien hemm wara t-tikketta tal-jeans.

Konsegwentament jirrizulta car li l-verzjoni li tat l-imputata kienet wahda u kienet konsistenti f'kull istanza. Fix-xhieda tieghu l-ispettur jispjega li bin l-imputata, Sandro Mifsud, kien ipprova l-jeans li fih instabet is-sustanza u dan il-jeans irrizulta li ma kienx tieghu ghax kien size izghar minn dak is-size li jilbes hu. Jispjega ukoll li pprova jara s-CCTV ta' dak l-inhawi biex jipprova jikkonfera l-verzjoni mghotija mill-imputata izda fejn l-imputata kienet qaltilhom li ltaqet ma dan il-guvni ma kienx kopert bis-CCTV. Impronti digitali tas-swaba minn fuq il-pakkett ma gewx elevati u wisq inqas analizzati.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, l-imputata bil-verzjoni konsistenti taghha, rnexxielha tipprova sal-grad tal-probabli li hija, ghalkemm instabet fil-pussess fiziku tad-droga eroina ma kinitx konsapevoli u xjenti li kien hemm l-istess droga wara t-tikketta tal-jeans in kwistjoni. Din il-verzjoni tal-imputata ma hija bl-ebda mod ribattuta mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni.

---

[3] Fol. 28 ta' Dok. JM

Illi fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Suzette Farrugia gie spjegat il-kuncett ta' "pussess" skond il-ligi Maltija u nghad:

*"…Illi ghalkemm l-kuncett tal-pussess tad-droga li jitkellem dwaru l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jissemmiex fid-dicitura tieghu illi dak il-pussess irid ikun wiehed xjenti sabiex tirrizulta r-reita', madanakollu gjaldarba ir-reat huwa wiehed doluz allura dan necessarjament jimplika il-volontarjeta' tal-att.*

> ***"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-dispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux sempliciment ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skont l-artikolu 26 (2)."*** *(Il-Pulizija vs Marzouki Beya Bent Abdellatif App.Inf. 16/02/1998 )*

*…*

*Illi biex jigi stabbilit il-pussess irid necessrjament jigi ippruvat illi dik id-droga kienet mhux biss fil-kontroll effettiv tal-persuna izda ukoll li hija kellha il-kustodja taghha u dan b'mod volut. Mhux biss izda trid issir il-prova illi dik il-persuna li allura kellha dak il-pusess, kontroll jew kustodja kienet taf li l-oggett li kien fil-pussess taghha kienet droga.*

…

*Illi l-appellanti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-qrati inglizi fl-ismijiet Warner v Metropolitan Police Commissioner fejn inghad:*

> ***'Ideally, a possessor of a thing has complete physical control over it, he has knowledge of its existence, its situation and its qualities: he has received it from a person who intends to confer possession of it and he has himself the intention to possess it exclusively of others. But these elements are seldom all present in situation with which the court have to deal, and where one or more of them is lacking, or incompletely present, it has to be decided whether the given approximation is such that possession may be held sufficiently established to satisfy the relevant rule of law. As it is put by Pollock and Wright, possession: is defined by modes of events in which it commences or ceases and by legal incidents attached to it' (Lord Wilberforce).***

*Tkompli billi jigi iccitat id-dictum moghti minn Lord Guest:*

> ***'Possession, the visible possibility of exercising physical control over a thing, coupled with the intention of doing so, either against all the world, or against all the world exception of doing so, either against all the world, or against all the world except certain persons. There are therefore, three requisites of possession. First, there must be actual or potential physical control, secondly physical control is not possession, unless accompanied by intention, hence, if a thing is put into a hand of a sleeping person, he had not possession of it. Thirdly, the possibility and intention must be visible or evidenced by external signs, for if the thing shows no signs of being under the control of anyone, it is not possessed'.***

*Espost dan l-insenjament gudizzjarju allura huwa evidenti illi l-appellanti ma kellhiex l-intenzjoni li ikollha fil-pussess taghha dik id-droga u li hija giet fil-pussess tad-droga involontarjament biex b'hekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' sejbien ta' htija ghar-reat tal-pussess aggravat tad-droga."*

Andrew Ashworth jispjega, anke b'referenza ghas-sentenza Ingliza fl-ismijiet *Warner v. Metropolitan Police Commissioner* [1969] 2 AC256, li:

> *"Although taking possession of an article will often (but not always) involve some act of the defendant, it is surely wrong to regard the conduct*

*as voluntary if D was mistaken as to its contents. Thus the first proposition in Warner is right in suggesting that possession is not purely a physical matter but does have a mental component, at least to the extent of realizing that some item or container has arrived in one's pocket, bag or house. Knowledge of this minimal or outline kind is essential."*[4]

Illi fil-kaz odjern, ghalkemm kjarament jirrizulta li l-qua imputata Maria Mifsud kienet fil-pussess fiziku tal-herojina fl-ammont ta' 1.770grammi, jezisti dubbju ragonevoli dwar il-mens rea tal-imputata u cioe' l-konsapevolezza u x-xjenza taghha li hija kienet fil-pussess tal-imsemmija sustanza u li kienet ser idahhalha fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Dan ghaliex din id-droga kienet mohbija wara tikketta ta' jeans li gie mghoti lilha ftit minuti qabel dahlet fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin - dan skond ma ddikjarat l-imputata mal-investigaturi kif ukoll permezz ta' testimonjanza mghotija fl-inter tal-inkjesta magisterjali. Mifsud kienet konsistenti fil-verzjoni taghha u l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li setghet tirribatti din il-verzjoni u dana meta kien l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tressaq provi li jwasslu ghall-konvinciment morali mhux biss dwar il-pussess fiziku izda anke dwar l-element tal-mens rea. Konsegwentament l-imputata ser tigi lliberata mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha.

**Decide**

**Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti qed issib lill-qua imputata, Maria Mifsud, mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u konsegwentament qed tilliberaha mill-istess.**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**

[4] Principes of Criminal Law, Third Edition, Page 112